# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 347/2015/LSO**

**Rosanna maghrufa bhala Rosanne Sammut (I.D. 398383 (M))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Rosanna maghrufa bhala Rosanne Sammut datat 16 ta' April 2015 fejn esponiet:

Illi l-attrici twieldet fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) u t-twelid taghha huwa

registrat fic-certifikat tat-twelid numru 3983/1983 kif jirrizulta mic-certfikat tat-twelid anness u mmarkat Dokument A;

Illi l-attrici kienet konsistentament maghrufa bl-isem "Rosanne" kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dokument A sa Dokument M li jixhdu li tul is-snin l-attrici kienet konsistentament maghrufa b' dan l-isem;

Illi r-rikorrenti ghandha interess illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni sabiex isimha jigi indikat bhala "Rosanne", u dana *a tenur* tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili li jaghti l-jedd lill-esponenti li titlob ghar-registrazzjoni tal-isem li bih hija konsistentement maghrufa u li titlob li jsiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Atti tat-Twelid u fl-atti kollha tal-istat civili taghha;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-attrici matul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem, “ROSANNE Sammut” u mhux "Rosanna Sammut" u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri li jgib n-numru progressiv 3983 tas-sena 1983, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f’kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi ndikat u jkun maghruf bhala "Rosanne" kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att taz-zwieg li ghandu n-numru progressiv 1304/2015, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att ta' zwieg u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi indikat u jkun maghruf bhala "Rosanne" kull fejn ikun hemm mehtieg.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-rikors ta' Rosanna maghrufa bhala Rosanne Sammut datat 16 ta' April 2015 fejn *in vista* tal-premess l-esponenti umilment tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tittratta l-kawza bl-urgenza u dan salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun; u l-Qorti laqghet it-talba u appuntat l-kawza ghat-**Tlieta 21 ta' April 2015 fid-9:30a.m**. Ordnat n-notifika tal-intimat li ghandu jressaq ir-risposta guramentata sad-data msemmija u b'hekk it-termini qed jigu akkorcjati *stante* l-urgenza tal-kaz. Ordnat lir-rikorrenti sabiex tesebixxi l-affidavit taghha u tax-xhieda taghha sad-differiment li jmiss bid-dokumentazzjoni kollha mehtiega in sostenn tat-talbiet taghha u b'kopja ghad-difensur tal-kontroparti. Ordnat wkoll is-smigh tal-kawza bl-urgenza; u dan kif jidher bid-digriet moghti fis-17 ta' April 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 20 ta' April 2015 (fol 31) fejn espona bil-qima u bir-rispett, u Dr Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha iddikjara u kkonferma dan li gej:

1. Illi *in limine litis* ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita

pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju l-esponent jirrileva wkoll li fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti ma hemm ebda zball li jrid jigi ikkoregut. Id-dettalji li tnizzlu fl-att tat-twelid in kwistjoni huma skont dawk dikjarati mid-dikjarant li kien missierha stess. B'dan ghalhekk sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha jigu mibdula b'mod li jinkwadraw perfettament ruhhom taht il-parametri tal-ligi msemmija fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta t-talbiet attrici ghandhom ikunu fis-sens li:

a. titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici maghtul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta" "Rosanne"u mhux bl-isem "Rosanna";

3. Illi bla hsara ghal premess ir-rikorrenti trid tispecifika <u>ezattament</u> liema huma l-atti ta' l-istat civili apparti l-att tat-twelid taghha li fihom hija trid li tali bidla, jekk tigi akkordata minn din l-Onorabbli Qorti, tigi riflessa. L-atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi taghhom.

4. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u

kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 2015 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. llona Debono ghall-attrici prezenti. Deher ukoll Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dr Debono prezentat nota bi tliet (3) affidavits u ghaddiet kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Fuq talba tar-rikorrenti mhux opposta ordnat li tithassar il-kelma 'minuri' fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) talba. Il-Qorti laqghet t-talba u ordnat l-korrezzjoni rikjesta. Dr Cordina ta ruhu b'notifikat bir-rikors kif korrett. Ir-rikorrenti kellha tirregola ruhha dwar it-tieni (2) eccezzjoni, u dan b'nota sad-differiment li jmiss. Billi ghad jonqos il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16, il-Qorti halliet il-kawza ghal dan l-iskop ghall-25 ta' Gunju 2015 fid-9:30a.m.

Rat in-nota tal-attrici datata 28 ta' April 2015 a fol 35 tal-process : li permezz taghha ghamlet referenze ghall-verbal tal-Qorti tal-21 ta' April 2015 u ddikjarat li tixtieq tirregola ruhha mat-tieni eccezzjoni tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li titlob sostituzzjoni tat-*text* tal-ewwel talba taghha bis-segwenti :-

1. Tiddikjara li l-attrici matul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem, "ROSANNE

Sammut" u mhux “Rosanna Sammut”u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2015 (fol 39) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur intimat. L-attrici u Dr. Ilona Debono msejha tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti rat in-nota tal-attrici a fol 35 tal-process fejn talbet sostituzzjoni fl-ewwel (1) talba taghha, din it-talba mhix opposta, u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba u ordnat korrezzjoni fir-rikors promotur, b'sostituzzjoni tal-ewwel (1) talba skont l-istess nota. Dr, Cordina ta ruhu b'notifikat bir-rikors kif korrett. F'dak l-istadju dahlet Dr llona Debono li nfurmat lill-Qorti li l-attrici zzewget fil-mori, u ghalhekk talbet differiment sabiex tirregola ruhha dwar ic-certifikat taz-zwieg taghha u *occorrendo* dwar talbiet ulterjuri. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ Ottubru 2015 fid-9:30a.m; u l-verbal tat-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr llona Debono ghall-attrici u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Dr llona Debono fi zmien gimgha minn dan id-digriet ser tipprezenta rikors biex izzid referenza ghac-certifikat taz-zwieg u talba ghat-tibdil ta’ l-isem tal-attrici fir-rispett ta’ dan ic-certifikat. Dr. Stephanie Borg iddikjarat li ma toggezzjonax li tizdied talba ghall-korrezzjoni tal-att taz-zwieg abbazi tal-artikolu 253 (2) tal-Kap 16. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta’ Novembru 2015 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 15 ta’ Ottubru 2015 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizza l-korrezzjoni tar-rikors guramentat kif mitluba; u l-Qorti, wara li rat li t-talba mhix opposta laqghet it-talba, u dan kif jidher bid-digriet taghha moghti fit-3 ta’ Novembru 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti qeghda taghmel din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid u l-att taz-zwieg taghha sabiex isimha hemm registrat jigi korrett u sostitwit bl-isem "Rosanne", peress li kienet konsistentement maghrufa bl-isem Rosanne. Din it-talba qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253(2)** ***et sequitur*** tal-Kodici Civili liema artikoli jaghtu dritt lil kull persuna taghmel talba ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni tal-ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-17 ta' April 2015 (fol 38) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li minn mindu kienet zghira kienet maghrufa bhala "Rosanne". Qalet li ghalkemm registrata bhala Rosanna imma hija dejjem kitbet isimha bhala Rosanne hekk kif jidher mic-certifikati akkademici esebiti fl-atti.

**Claire Sammut** oht ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat li dejjem sejhu lil ohtha bhala Rosanne u ohtha dejjem kitbet isimha bhala Rosanne.

**Glenn Bugeja** xehed permezz ta' affidavit li qal hu gharus lil Rosanne, sar jafha fl-2007, u dejjem kien jafha bhala Rosanne. Ikkonferma li d-data taz-zwieg taghhom hija ghas-6 ta' Gunju 2015.

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa sa minn tfulitha bl-isem "Rosanne" u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, *stante* li gie sostnut li d-dettalji li tnizzlu fl-att tat-twelid in kwistjoni huma skont dawk dikjarati minn missierha stess. Ghalhekk, dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Ir-rikorrenti talbet li jigi korrett ic-certifikat ta-twelid taghha u kif ukoll ic-certifikat taz-zwieg.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti billi ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li hija kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem "Rosanne" u mhux "Rosanna" , kwindi tordna lill-intimat biex jikkoregi l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv 3983/1983 u l-Att taz-Zwieg li igib in-numru progressiv 1304/2015, it-tnejn tar-rikorrenti, b'mod li minflok "Rosanna" jitnizzel "Rosanne" kull fejn jidher u dan abbazi tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

***26 ta' Novembru 2015.***

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu **256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru 2015**